

Ir-rikorrent isostni wkoll li, billi żbaljatament ibbażat ruħha fuq l-eċċeżżjonijiet permissibbli sabiex tiċħad l-aċċess għad-dokumenti mitluba, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 255 KE u l-Artikoli 1(a), 2(1) u (3), 4(1) sa (6) tar-Regolament ta' Aċċess u li, għalhekk, id-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn ksur tat-Trattat u ta' kull regola ta' liġi konnessa ma' l-applikazzjoni tiegħi, kif previst fl-Artikolu 230(2) KE.

(<sup>1</sup>) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU 2001 L 145, p. 43).

(<sup>2</sup>) ĠU 1989 L 298, p. 23.

(<sup>3</sup>) ĠU 1997 L 202, p. 60.

L-ewwel nett, ir-rikorrenti tinvoka ksur tal-ewwel u tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (<sup>1</sup>) peress li l-eċċeżżjonijiet li jinsabu f'dawn id-dispożizzjoni jiet ġew interpretati b'mod żbaljat jew applikati b'mod żbaljat. It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-aħħar sentenza tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 peress li ingħustament ġādet li r-rikorrenti kellha interessa pubbliku predominantli li tingħata aċċess għall-inkartament fil-każ COMP/F/38.899. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001 peress li minn tal-inqas kellhom jiġu żvelati uħud mid-dokumenti fl-inkartament tal-każ COMP/F/38.899.

(<sup>1</sup>) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

## Rikors ippreżzentat fil-25 ta' Awwissu 2008 — EnBW Energie Baden-Württemberg vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-344/08)

(2008/C 272/83)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: EnBW Energie Baden-Württemberg AG (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Bach u A. Hahn, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea D(2008) 4931, tas-16 ta' Ġunju 2008, dwar talba għal aċċess għall-inkartament amministrattiv fil-każ COMP/F/38.899 (Switchgear iżolat bil-gass);
- b'mod sussidjarju, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea D(2008) 4931, tas-16 ta' Ġunju 2008, dwar talba għal aċċess għall-inkartament amministrattiv fil-każ COMP/F/38.899 (Switchgear iżolat bil-gass), safejn il-Kummissjoni rrifut li tagħti lir-rikorrenti aċċess parżjali għad-dokumenti fl-inkartament;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tikkontestata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2008, li biha ġiet miċħuda t-tieni talba tagħha għal aċċess għad-dokumenti fl-inkartament tal-Kummissjoni fil-każ COMP/F/38.899 (Switchgear iżolat bil-gass).

Ir-rikorrenti tressaq tliet motivi in sostenn tar-rikors tagħha.

## Rikors ippreżzentat fit-22 ta' Awwissu — Helena Rubinstein vs UASI — Allergan (BOTOLIST)

(Kawża T-345/08)

(2008/C 272/84)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Helena Rubinstein, SNC (Pariġi, Franzja) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u J. Pagenberg, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Allergan, Inc. (Irvine, L-Istati Uniti)

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) tat-28 ta' Mejju 2008 fil-każ R 863/2007-1;
- tiċħad l-appell magħmul mill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-konvenut meħuda fit-28 ta' Marzu 2007 fil-każ 1118 C;
- tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti, inkluż dawk sostnati mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell; u
- tikkundanna lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tħallas l-ispejjeż, inkluż dawk sostnati mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell, fil-każ li ssir parti intervenjenti f'din il-kawża.